

32000D0278

11.4.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 89/6

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Marzu 2000

dwar l-approvazzjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat WIPO dwar id-Dritt ta' l-Awtur u tat-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (*)

(2000/278/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolu l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tiegħu, ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni waħda ta' l-Artikolu 300(3),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(4) Dan ifisser li l-approvazzjoni tal-WCT u tal-WPPT hi ħaġa kemm għall-Komunità kif ukoll għall-Istati Membri.

(5) Il-WCT u l-WPPT għandhom għalhekk ikunu approvati fisem il-Komunità rigward materji fil-kompetenza tagħha.

(6) Il-Komunità diġà ffirmat il-WCT u l-WPPT, bla ħsara għal konklużjoni finali.

(7) Id-depożitu ta' l-istrumenti tal-konklużjoni tal-Komunità għandu jseħħ kemm jista' jkun possibbli fl-istess ħin mad-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifika ta' l-Istati Membri,

(1) It-Trattat WIPO dwar id-Dritt ta' l-Awtur (WCT) u t-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (WPPT) adottat f'Geneva fl-20 ta' Diċembru 1996 taħt il-patroċinju ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprietà Intellettuali se jgħinu biex jiżguraw livell bilanċjat ta' protezzjoni għal xogħlijiet u suġġetti oħra, waqt li jħallu l-aċċess pubbliku għal materjal disponibbli min-netwerks.

(2) Il-kompetenza tal-Komunità biex tikkonkludi jew taderixxi għal ftehim internazzjonali jew trattati ma tiġix biss mill-għotja espliċita mit-Trattat imma tista' tinkiseb minn disposizzjonijiet oħra tat-Trattat u minn atti adotatti skond dawn id-disposizzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità.

(3) Is-suġġett tal-WCT u tal-WPPT jaqa' sa ċertu punt fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi eżistenti tal-Komunità f'dan il-qasam.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. It-Trattat WIPO dwar id-Dritt ta' l-Awtur hu hawnhekk approvat fisem il-Komunità rigward materji fil-kompetenza tagħha.

2. It-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi hu hawnhekk approvat fisem il-Komunità rigward materji fil-kompetenza tagħha.

3. It-testi tat-Trattati huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat biex jiddepożita l-istrumenti ta' konklużjoni mad-Direttur-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprietà Intellettuali mid-data li fiha l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li huma neċessarji biex il-leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità tiġi addatta għall-obbligi li joħorġu mill-WCT u mill-WPPT.

(*) Żewġ affermazzjonijiet relatati ma' din id-Deċiżjoni huma mniżżla fil-ĠU C 103, tal-11.4.2000, pġ. 1.

(1) ĠU C 165, 30.5.1998, pġ. 8.

(2) Assent tas-16 ta' Frar 2000 (Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali)

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni hi hawnhekk awtorizzata biex tirrappreżenta lill-Komunità fil-laqgħat ta' l-Assemblei msemmija fil-WCT u fil-WPPT.

2. Dwar il-materji kollha fl-isfera tal-kompetenza tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tinnegoza fl-Assembleji tal-WCT u tal-WPPT fisem il-Komunità skond ir-regoli applikabbli tat-Trattat tal-KE, b'mod partikolari l-Artikolu 300 tiegħu.

3. Il-pożizzjoni li l-Komunità tista' tadotta fl-Assemblei għandha tkun ippreparata mill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Marzu 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

F. SEIXAS da COSTA